**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 285 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Robert Ciappara**

Illum 5 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Robert Ciappara 451700 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fix-xhur minn Novembru 2019 sa Marzu 2020, gewwa l-gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, liema atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat (Artikolu 18 tal-Kapitolu 9):

(1) Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas milli jaghti lil Sarah Margarita Ciappara u/jew lil uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z), 18 u 31 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta:

Sabet illi l-imputat Robert Ciappara hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement kkundannatu ghal tlett xhur prigunerija (3) effettivi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Robert Ciappara minnu pprezentat fit-22 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha TIBDEL, TIRRIFORMA U TIMMODIFIKA s-sentenza appellata, billi tibdel u tirriforma u timmodifika l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill bqija.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu u b' hekk qieghed jinterponi dana l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-AGGRAVJU huwa car u manifest u jikkonsisti f' illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-Esponent ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-Imputat u stante li l-prigunerija tista' tkun ta' detriment ghal sahhet l-Appellant barra t-telf tal-impjieg taghha.

Illi nhar il-15 ta'Dicembru l-appellant iddikjara li kien hallas il-pendenza tieghu lil martu l-kwrelanti u iddikara ukoll li ma kien hemm l-ebda pendenza monetarja dwar din il-kawza.

Semghet lill-appelant jirrimetti ruhu ghall-atti processwali.

**Ikkunsidrat:**

Rat ir-rikors tal-appell fejn *in primis* ir-rikorrenti stqarr li l-manteniment li l-appellant gie kkundannat ihallas kien wiehed gholi hafna u peress li l-kwerelanti kienet qed tirraportah ta' spiss ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment huwa spicca tilef l-impieg tieghu u in oltre stqarr li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet wahda ecccessiva wisq.

Rat ix-xhieda moghtija mill-kwerelanti **Sara Ciappara** nhar id-19 ta' April 2021 u din kkonfermat li l-Qorti tal-Familja kienet harget digriet numru 165/2018 JPG sabiex zewghha l-appllant ihallas is-somma ta' erba' mitt euro (€400) manteniment ghal minuri Liam li ghandhom in komuni u mitejn euro (€200) ghaliha. Dan id-digriet inhareg f'Marzu 2019 u kopja tieghu jinsab esebita fl-atti u markat bhala dok SMC1. Ikkonfermat li minkejja dan id-digriet l-appellant qatt ma hallasha l-manteniment dovut minn Marzu 2019 sal gurnata meta xehdet, l-appellant baqa' inadempjenti.

Illi nhar it-13 ta' Gunju 2022 regghet xehdet u kkonfermat dak kollu li kienet qalet fis-seduta precedenti. Ikkonfermat li ghandhom zewgt itfal iz-zghir Liam li kellu erbatax il-sena meta xehdet u tifla li kellha 23 sena. Ikkonfermat li mid-data tad-digret u cioe Marzu 2019 sal-gurnata ta' meta xehdet zewghha l-appellant ma hallashiex il-manteniment dovut u ghalhekk naqas illi jghaddilha l-manteniment tax-xhur Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2020.

Rat l-affidavit ta' **PC 659 C Abela** fejn dan ikkonferma li nhar it-13 ta' April 2020 Sara Ciappara irraportat gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun li zewghha l-appellant naqas li jaghtiha l-manteniment dovut skond id-digiet mahrug mill-Qorti tal-Familja. Ikkonfermat li hija ma rceviet l-ebda pagament ghax-xhur Novembru u Dicembru 2019 u ghax-xhur Jannar, Frar u Marzu 2020 u ghalhekk ma hallashiex il-manteniment dovut.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol 22 markata bhala dok JM redatta minn WPC 206 Muriel Cutajar fejn fiha hemm ir-rapport li ghamlet Sara Ciappara fil-konfront tal-appellant u partikolament talli naqas li jhallasha l-manteniment dovut ghall-perijodu ta' Novembru u Dicembru 2019 u ghax-xhur Jannar, Frar u Marzu 2020 u b'hekk kellu jghatiha s-somma ta' tlett elef euro (€3000).

Hija pproduciet id-digriet numru 165/2018 JPG esebit a fol. 9 tal-atti fejn il-Qorti tal-Familja ordnat li kull tlettax tax-xahar l-appellant ghandu ihallas is-somma ta' sitt mitt euro (€600) manteniment ghal kwerelanti u ghal binhom minuri Liam li kellu hdax-il sena.

Il-pulizija ghamlet l-almu taghha biex tikkomunika mal-appellant u dan informaha li kien gja ghadda l-manteniment ghal binhom Liam izda ma kienx ser ihallas il-manteniment tal-mara.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**[1] kienet irriteniet testwalment hekk :-

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2019

*......"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs.Lawrence Cutajar[2] - u Pul. vs. CarmeloFarrrugia[3]) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta'manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awlajibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ..........kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gieespressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istessSekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jewdak l-ordni kien null . "*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*

*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta'manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digrietbhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordnikontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*

*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmienhmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma ."*

*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "*

Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs. Mario Mallia</u>**[4] fejn ukoll gie ritenut :-

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1998

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjonitipotizza r-reat kontravenzjonali filparagrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevantimeta giet intavolata l-kawza ta'separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga taddigriet originali ; galadarba l-ordnikontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordnighall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "Il-Pulizija vs.Lawrence Cilia[5] ,u **<u>l-Pulizija v. Carmelo Farrugia</u>**[6],. Ghalhekk dan l-aggravjuqed jigi respint."*

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs Alfred Camilleri</u>**[7] fejn ghamlet riferenza ghalsentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, (**<u>Pul. vs. Anthony Saliba)</u>**[8], fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tasSekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant.

Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu talhlas skond l-ewwel Digriet.

---

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tichad l-appell fir-rigward tal-mertu pero qeghda timmodifika s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena billi minflok il-piena inflitta, sejra tillibera lill-akkuzat appellant taht kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' sena millum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Deputat Registratur